# Riflessjoni fuq l-Ewwel Qari tat-Tieni Ħadd tal-Avvent (Sena Ċ)

## Qari mill-Ktieb tal-Profeta Baruk (Baruk 5:1-9)

Neħħi minn fuqek, Ġerusalemm, ilbies il-vistu u n-niket tiegħek,
u ilbes għal dejjem id-dija tal-glorja ta' Alla.
Ilbes mantar il-ġustizzja ta' Alla,
qiegħed fuq rasek id-dijadema tal-glorja ta' Alla ta' dejjem.
Għax Alla għad juri sbuħitek lid-dinja taħt ix-xemx,
Alla jsemmik għal dejjem:
"Sliem tal-Ġustizzja" u "Glorja tal-Qima ta' Alla".
Qum, Ġerusalemm, itla' fl-għoli, u ħares madwarek lejn il-Lvant,
ara 'l uliedek miġmugħa, minn fejn tinżel ix-xemx sa fejn titla',
għall-kelma tal-Qaddis, ferħana li Alla ftakar fihom.
Telqu mingħandek bil-mixi, imkarkra mill-għedewwa,
u issa Alla se jġibhomlok,
merfugħin fil-ġieħ bħalkieku fuq tronijiet is-slaten.
Għax Alla ordna; jitniżżlu l-muntanji għolja, u l-għoljiet ta' dejjem,
jimtlew il-widien u titwitta l-art,
biex hemm Iżrael jimxi 'l quddiem, bla tfixkil ta' xejn,
taħt il-ħarsien ta' Alla.
U l-foresti u s-siġar tal-fwieħa jixħtu dellhom għal fuq Iżrael,
bl-ordni ta' Alla.
Għax Alla jmexxi lil Iżrael ferħan,
b'dawl il-glorja tiegħu,
imsieħba mill-ħniena u l-ġustizzja ħierġa minnu.

Il-Kelma tal-Mulej.
R/. Irroddu ħajr lil Alla

beHOLD

F'dan il-qari nsibu enfasi fuq l-ismijiet ta' Ġerusalemm:
**"Alla jsemmik għal dejjem: 'Sliem tal-Ġustizzja' u 'Glorja tal-Qima ta' Alla'."**

Fil-kulturi antiki, l-isem mhuwiex sempliċiment mezz tekniku li jidentifika realtà determinata iżda jesprimi dimensjoni essenzjali tal-persuna jew affarijiet li jirreferi għalihom.
Skont id-definizzjoni ta' Gerardus van der Leeuw, l-istoriku famuż tar-reliġjonijiet: "l-isem mhuwiex isem sempliċi; huwa xi ħaġa essenzjali mogħtija fiha il-kelma". Għalhekk l-isem huwa r-ruħ ta' persuna. Kif jgħid Johannen Pederson, "The soul in its entirety, with all its blessing and honour, finds expression in the name, shēm".
Fit-Testment il-Qadim, l-isem huwa mogħti importanza kbira. Infatti, il-kelma Ebrajka għal isem, shēm, ma tindikax biss l-isem ta' persuna, oġġetti, kategoriji soċjali u kunċetti astratti, imma l-isem jesprimi r-relazzjonijiet li huma stabiliti bejn il-persuna li ssemmi u r-realtà tal-persuna li lilha huwa mogħti l-isem: kemm fuq livell reali, u kif ukoll spiritwali.

Meta naqraw dan it-test, ma rridux nifmu lil Ġerusalemm biss bħala belt ġeografika. Ġerusalemm
hija preżentata bħala armla li tinterċedi quddiem Alla għat-tfal tagħha. Hija mara innoċenti.

Fl-ewwel erba' vrus insibu r-raġuni għall-isem ta' Ġerusalemm:

*Neħħi minn fuqek, Ġerusalemm,*
*ilbies il-vistu u n-niket tiegħek,*
*u ilbes għal dejjem id-dija tal-glorja ta' Alla.*
*Ilbes mantar il-ġustizzja ta' Alla,*
*qiegħed fuq rasek id-dijadema tal-glorja ta' Alla ta' dejjem.*
*Għax Alla għad juri sbuħitek lid-dinja taħt ix-xemx,*
*Alla jsemmik għal dejjem:*
*"Sliem tal-Ġustizzja" u "Glorja tal-Qima ta' Alla".*

Fl-ewwel erba' versi nsibu erba' imperattivi:
(1) "neħħi minn fuqek Ġerusalemm ilbies il-vistu u n-niket tiegħek,"
(2) "ilbes għal dejjem id-dija tal-glorja ta' Alla,"
(3) "Ilbes mantar il ġustizzja ta' Alla," u
(4) "qiegħed fuq rasek id-dijadema tal-glorja ta' Alla ta' dejjem."

Hemm żewġ raġunijiet għal dawn l-erba' imperattivi:
(a) "Għax Alla għad juri sbuħitek lid-dinja taħt ix-xemx," u għax "Alla jsemmik għal dejjem: 'Sliem tal-Ġustizzja' u 'Glorja tal-Qima ta' Alla'."

Fuq livell ta' vokabolarju, joħroġ sew il-kuntrast bejn iż-żewġ nomi b'valur negattiv fl-ewwel vers—"ilbies il-vistu u n-niket tiegħek"—u l-bqija tal-versi li fihom jiddomina vokabolarju ta' dawl, sbuħija, u affarijiet positivvi, bħalma huma d-dija tal-glorja, ġustizzja, sbuħitek, sliem u glorja. Apparti mill-ewwel prepożizzjoni tal-ewwel vers, il-preżenza ta' Alla nsibuha mifruxa mal-versi kollha: glorja ta' Alla, ġustizzja ta' Alla, Alla għad juri sbuħitek, Alla jsemmik għal dejjem. Ninnotaw ukoll li darbtejn insibu l-frażi 'ilbes għal dejjem'.

Il-karatteristiċi prinċipali ta' dan il-qari huma li l-poeta jlaqqa' flimkien żewġ elementi li ma tantx għandhom x'jaqsmu ma' xulxin: l-ilbies u l-isem. Dawn iż-żewġ elementi huma normalment użati fil-kotba profetiċi. Minflok l-ilbies tal-vistu u tan-niket, Ġerusalemm ser tkun imlibbsa "mantar il-ġustizzja ta' Alla" u kif ukoll "dijadema tal-glorja ta' Alla ta' dejjem." Dan ifakkarna f'dak li nsibu f' Isaija 61, 10, fejn il-profeta, f'isem Sijon ifakkarna u jirringrazzja lil Alla għas-salvazzjoni li rċeviet:

*Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej,*
*taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.*
*Għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni,*
*bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,*
*bħal għarus imżejjen b'kuruna,*
*bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.*

Ftit versi qabel, f'Isaija stess, vers 3, naqraw:

*biex inferraħ lil dawk li jibku f'Sijon,*
*nagħtihom kuruna flok irmied,*
*żejt tal-ferħ flok l-ilbies tal-vistu,*
*l-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa.*
*Isejħulhom ballut tas-sewwa,*
*imħawla mill-Mulej għal foħritu.*

F'dan il-vers minn Isaija naqraw li l-irmied isir kurun, l-ilbies tal-vistu jsir żejt tal-ferħ, flok ruħ mitluqa nsibu l-għana tal-foħrija. Jekk l-ilbies juri l-identità u l-psikoloġija ta' dak li jilbsu, allura l-bidla tal-ilbies ta' din il-belt tfisser ukoll bidla fil-kundizzjonijiet tal-ħajja tagħha. Fil-qari minn Baruk, l-ilbies tan-niket u l-abbandun huma mneħħija, u minflok huwa mlibbes bi lbies ta' glorja u ġustizzja. Ġerusalemm hija salvata, u allura m'għadhiex l-istess belt li kienet qabel.

Il-mument li tilbes l-ilbies ta' Alla, hija timtela bil-glorja u l-ġustizzja għal dejjem.

Il-bidla fl-ilbies hija akkumpjanjata minn bidla fl-isem. Kif jgħid Pedersen: ""If a man changes his character entirely, and the contents of his soul are altered, he often must have a new name." Il-bidla fl-isem turi bidla fil-vokazzjoni u anke fid-destin. Il-mistħija tal-poplu ser tgħib u l-belt ser tibda ħajja ġdida. L-isem il-ġdid mogħti lill-belt huwa isem doppju: "Sliem tal-Ġustizzja" u "Glorja tal-Qima ta' Alla."

L-ewwel isem mogħti lill-Ġerusalemm hu "Sliem tal-Ġustizzja". L-isem Ġerusalemm fl-Ebrajk jista' jfisser jew belt tas-sliem (yerû + šālôm) jew Belt paċifika (yerû + šālēm). Isem li jfakkarna fl-ismijiet tar-rejiet Melkisedek (Ġen 14, 18) u Adonisedek (Ġoż 10, 1. 3)—żewġ rejiet li f'isimhom hemm il-kelma ṣedeq, li tfisser ġustizzja. L-isem Sliem tal-Ġustizzja jfakkarna f'Isaija 32, 17: " Is-sliem ikun frott il-ġustizzja, u l-ħidma tal-ġustizzja tkun serħan u tama għal dejjem" meta saltna ta' ġustizzja u paċi hija mħabbar. Probabbilment, il-paċi ta' Ġerusalemm hija frott il-ħajja ġusta tagħha. Dan ifakkarna wkoll f'dak li nsibu f'Isaija 60, 17b: **"U nagħmel is-Sliem it-tmexxija tiegħek, u l-Ġustizzja l-ħakma tiegħek."** Il-paċi u l-ġustizzja, għalhekk, se jsaltnu fil-belt u jiggwidaw l-għemejjel kollha ta' rikostruzzjoni, li mhux se tkun imposta bi vjolenza imma mwettqa fil-paċi u armonija.

Fl-isem il-ġdid ta' Ġerusalemm insibu wkoll dak li naqraw f'Ġeremija 23, 5-6:

*Araw, għad jasal żmien,*
*oraklu tal-Mulej,*
*meta nqajjem lil David rimja ġusta,*
*li jsaltan ta' sultan,*
*u jmexxi bil-għaqal*
*u jagħmel is-sewwa u l-ħaqq fil-pajjiż.*
*Fi żmienu Ġuda jkun salv,*
*U Iżrael jgħammar fiż-żgur.*
*U dan hu l-isem li jsejħulu:*
*'Il-Mulej is-Sewwa tagħna.'*

Hawn il-profeta jħabbar il-wasla ta' dixxendent ta' David li ser iwettaq dak li kien mwiegħed. Kif naqraw ukoll f'Ġeremija 33, 16: "f'dawk il-jiem Ġuda jinħeles u Ġerusalemm tgħammar b'moħħha mistrieħ, u għalhekk isejħulha: 'Il-Mulej is-sewwa tagħna'."

It-tieni isem mogħti lill Ġerusalemm, "Glorja tal-Qima ta' Alla," fl-oriġinal jirreferi wkoll għall-biża' ta' Alla. Hekk għandna flimkien kemm il-paċi u kif ukoll il-biża'. Bl-istess mod li l-paċi huwa frott il-ġustizzja, il-qima ta' Alla hija frott il-glorja/biża' ta' Alla.

L-ilbies il-ġdid iffakkarna li t-trasformazzjoni radikali ta' Ġerusalemm issir bl-intervent ta' Alla. L-ismijiet il-ġodda ta' Ġerusalemm, "Sliem tal-Ġustizzja" u "Glorja tal-Qima ta' Alla," jiġbru fihom il-valuri tal-poplu Lhudi. Frott il-ġustizzja ser ikun hemm il-paċi. Ser ikun hemm il-biża' ta' Alla, u frott ta' dan ser issaltan l-paċi. Kif jgħid il-proverbju Latin Nomen est omen. Kif ikompli l-qari, Ġerusalemm ser tgawdi:

*Qum, Ġerusalemm, itla' fl-għoli, u ħares madwarek lejn il-Lvant,*
*ara 'l uliedek miġmugħa, minn fejn tinżel ix-xemx sa fejn titla',*
*għall-kelma tal-Qaddis, ferħana li Alla ftakar fihom.*
*Telqu mingħandek bil-mixi, imkarkra mill-għedewwa,*
*u issa Alla se jġibhomlok,*
*merfugħin fil-ġieħ bħalkieku fuq tronijiet is-slaten.*
*Għax Alla ordna; jitniżżlu l-muntanji għolja, u l-għoljiet ta' dejjem,*
*jimtlew il-widien u titwitta l-art,*
*biex hemm Iżrael jimxi 'l quddiem, bla tfixkil ta' xejn,*
*taħt il-ħarsien ta' Alla.*
*U l-foresti u s-siġar tal-fwieħa jixħtu dellhom għal fuq Iżrael,*
*bl-ordni ta' Alla.*
*Għax Alla jmexxi lil Iżrael ferħan,*
*b'dawl il-glorja tiegħu,*
*imsieħba mill-ħniena u l-ġustizzja ħierġa minnu.*

***Konklużjoni***

F'dan il-qari nsibu lil Ġerusalemm bħala armla: mhux biss mgħobbija bid-dwejjaq tat-telfa tar-raġel imma qiegħda fi stat iddisprat, mingħajr ħadd ma jmantniha, u mingħajr ebda protezzjoni legali. Bħala belt li romlot, hi ma tistax tipprovdi għaliha nnifisha. Kemm f'Isaija, u kif ukoll fil-Lamentazzjonijiet, l-armla hija preżentata bħala diżonorata:"Tibżax, int ma jkollokx mniex tistħi! Tħammarx aktar wiċċek, għax għajb ma jkollokx aktar. Int għad tinsa l-għajb ta' rmulitek, ma tiftakarx iżjed fil-mistħija tar-romol tiegħek" (Is 54, 4) u "Ah! Kif inhi weħidha, il-belt li kienet tiżgħed bin-nies! Saret bħal armla l-kbira fost il-ġnus! Is-sidt fost l-ibliet, il-ħaraġ ikollha tħallas" (Lam 1, 1). F'Baruk, l-armla hija ppreżentata bħala dik il-mara li għandha t-tama, għaliex hija innoċenti, u li tinterċiedi: żewġ kwalitajiet normalment mogħtija lill-Profeti.

L-umiljazzjoni tal-eżilju sfurzat tagħhom se titneħħa. Mhux li t-tbatija tkun minsija, jew li xi ħaġa tista' terġa' lura biex tkun kif kienet qabel it-traġedja, imma issa d-don divin tal-ferħ joqgħod fuq l-omm imnikkta hekk kif jibda l-bini mill-ġdid tal-ħajja mill-fdalijiet. Dawk li jirritornaw huma mmexxija mid-dawl ta' Alla, u sħabhom huma l-ħniena u ġustizzja.

Dan iż-żmien ta' pandemija hu bħal tip ta' eżilju għalina wkoll, hux? Barra minn hekk, il-migranti u r-refuġjati fil-fruntieri tagħna u l-vittmi tal-vjolenza fl-ibliet tagħna, kollha qed jissieltu biex jerġgħu jibnu l-ħajja mill-fdalijiet. Bħal Ġerusalemm fi żmien Baruk, m'hemmx ritorn lura għal dak li kien qabel, imma nħallu l-kura materna ta' Alla tiġborna bil-ħniena u l-ġustizzja. Hekk nistgħu nimxu lejn il-fejqan, u ċ-ċans għal bidu ġdid.